Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa B'Urgenza tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

Laqgħa Numru 7

It-Tlieta 5 ta' Novembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, fl-4:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Steven Grech – Sindku
Elenia Desira – Viċi Sindku
Janice Chetcuti – Kunsillier
Daniel Zerafa – Kunsillier
Stephen Caruana – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Emma Vella – Segretarju Eżekuttiv

2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk MXK1051, Malta.
:21652525, 21650937 marsaxlokk.lc@gov.mt www.lc.gov.mt/www.marsaxlokklc.com

| | |
|---|---|
| 7.1 | Zvilupp ta' art f'Marsaxlokk - PA/1125/18 |
| 7.1.1 | Is- Sindku ta' introduzzjoni tal-laqgha b'urgenza lill-Kunsilliera prezenti u spjega r-raguni ghaliex qed issir oggezzjoni ghall-- izvilupp innumerat PA/1125/18. |
| ***Il-hin huwa 16:10 u l-laqgha giet temporanjament sospenduta sabiex ir-residenti prezenti jwasslu l-ilmenti u s-suggerimenti tieghhom.*** | |
| ***Il-hin huwa 16:30 u l-laqgha tal-Kunsill tompliet.*** | |
| 7.1.2 | Wara diskussjoni libera u vot unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti gie deciz li l-Kunsill ghandu jibghat l-oggezzjoni tieghu lill-Awtorita tal-Ippjanar hekk segwenti;<br><br>Fil-legislatura precedenti il-kunsill beda infurzar sistematiku tal-opri ta' bahar u karrijiet imferxa mar-rahal kollu. Wara talba generali minn sajjieda residenti intweriet ix-xewqa li jinstab post adekwat li jahzen opri tal-bahar u karrijiet taghhom ghal tul taz-zmien kontra hlas. Dan sabiex jitnehhew milli joholqu periklu, jostakolaw it-toroq u l-ispazzju ta'parkeggi fit-territorju ta' Marsaxlokk.<br>Is-soluzzjoni kienet li art biswit iz-zona maghrufa Port Ruman, bejn Triq il-Barrakki u Triq tat-Trunciera tintuza ghal dan il-ghan. B'hekk id-dipartiment tal-artijiet ghadda din l-art lid-dipartiment tas-sajd sabiex iwettaq din l-imsejha 'Boat Storage', anke jekk fuq din iz-zona il-kunsill jipposedi permess mahrug mill-awtorita ta- ippjanar, infurzata b' decizjoni mill-Qorti sabiex din iz-zona tigi zvilluppata bhal gnien,(anness ir-Rapport Civili).<br><br>Saru hafna laqghat u diskussjonijit cari u gwidati fuq din it-talba mal-partijiet kollha :<br><br>1. l-art tintuza primarjament ghal-hazna ta' karrijiet u opri tal-bahar biss;<br>2. Liema opri tal-bahar huma registrati biss mis- sajjieda li jahdmu gewwa Marsaxlokk;<br>3. Li ma issir ebda tip ta'manutenzjoni hlief dak hafif li ikun neccessarju sabiex wiehed ivara;<br>4. Li ikun hemm kontroll ta'zmien u hlas b 'rati fissi;<br>5. Li ikun hemm sigurta u sistema operabbli ta' tifi tan-nar;<br>6. li l-art tigi imsaqqfa sabiex isir gnien fuq dan l-istess saqaf li jaghti estetika ambjentali.<br><br>Il-punti gew diskussi fost is-Segretarju Parlamentari, id-Dipartiment tas-Sajd u Agrikoltura, d-Dipartiment ta' l-Artijiet, il-Koperattivi tas-Sajd, Korpi Dixxiplinati, Sajjieda residenti u residenti. Numru ta' Residenti li jabitaw f' din iz-zona hassew li diga gew imqarrqa meta sar zvillup simili fil-bajja tal-Qrejten u inbidlet f-facilita tal-Hardstanding, ghalhekk ihossu li dan l-izvillup ta' din l-art ser ikun eqreb lejn djarhom, metri il-boghod mill-ewwel abitat privat.<br><br>Id-dipartiment tas-sajd applika ghal-izvillup b'ghanijiet kemm xejn kontra dak mistenni, fejn fil-pjanta originali hemm imfassal numru ta' parkeggi ta' karrozzi u binja ta' zewg sulari b ufficini, Workshop u ancillari ohra. kif ukoll li l-uzu ta' din il-facilita ser tkun estensjoni tal-hardstanding fejn jissewwew u jigu mantenuti.<br><br>Wara aktar diskussjoni gie deciz li din iz-zona tissaqqaf sabiex issir gnien u taghti estetika isbah li tamalgama mal-ambjent. Il-kunsill ukoll talab li dan is-saqaf, li ghal-ewwel kien jaghti nofs din l-art jikber bl-ghan li ikun hemm aktar ghata u gnien akbar. Il-kunsill talab ukoll li dawn il-parkeggi jigu eliminati sabiex jikber l-ispazju ghal opri tal-bahar, kif ukoll jara li il-binja ta' zewg sulari ma taghmel ebda bzonn ghal-ghanijiet originali u ghalhekk dawn intalbu li jitnehhhew sabiex jinholoq aktar spazzju.Ghal kuntrarju ta' dan kollu dan ma sehhx. Allura il-Kunsill qieghed joggezzjona dan l-izvillup hekk kif inhu applikat ghax ma' jwettaqx dak li gie mitlub. |

<table>
<tr>
<td></td>
<td>
Il-kunsill qieghed jigbed l-attenzjoni fuq dan li gej;<br><br>
• li issa din imxiet sabiex tkun estensjoni tal-Hardsanding facility ghal-storbju ta' manutenzjoni ghad-detriment tar-residenti,<br>
• li tintuza minn sidien ta' bastimenti li ma joqoghdux Marsaxlokk,<br>
• ir-rati tal-hlasijiet jidher li ser ikunu tas-sistema li tintuza attwalment gewwa il-Hardstanding,<br><br>
li mhux ser isolvi l-problema originali li karru jew opra tal-bahar taghmel tul taz-zmien mahzuna. Nixtequ nigbdu l-attenzjoni wkoll fuq Case Report importanti rigward PA/1125/18 paragrafu 4.8.3, (estratt hawn taht ghall-informazzjoni taghkom).<br><br>
4.8.3 Environmental Considerations<br><br>
The proposed development will only accommodate specific maintenance and repair activities with stormwater collection and water reuse following oil separation from vessel washing. Waste management will include storage for waste oils, oily rags, and bilge water, open skips for storage of waste metal and wood and closed skips for other solid non-hazardous waste which will be managed by the site operator as indicated in document 78b. Presently, when the existing hard standing facility does not meet the demand, resultant waste ends up in inappropriate locations such as the seashore and the sea itself thus the proposed development will address the environmental impact by directing<br>
ıge 9 of 16<br><br>
'A/01125/18 - 176a - Valid - Daniel Zerafa - 05/11/2019<br>
17(<br><br>
resulting waste in appropriate locations in line with the SPED 15 Thematic Objective 7.<br><br>
Bhala Kunsill ahna assolutament ma’ naqblux u noggezzjonaw ghal dan il-permess ghaldaqstant se mmoru ma’ dak li primarjament kien progettat fil-bidu li l-art biswit iz-zona maghrufa Port Ruman, bejn Triq il-barrakki u Triq tat-trunciera tintuza ghal ghan ta’ Jogging Track u Gnien u tinstab allokazzjoni alternattiva sabiex issir il-Boat Storage.
</td>
</tr>
<tr>
<td>7.1.3</td>
<td>Il-Laqgha ntemmet fil-16:45p.m. wara li ġiet eżawrita l-aġenda</td>
</tr>
</table>

Konfermati, illum 5/11/19

IFFIRMATA

___________________

Steven Grech
Sindku

IFFIRMATA

___________________

Emma Vella
Segretarju Eżekuttiv